MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 1556/1998/1

**Salvatore Bugeja u b'digriet tad-19 ta' Frar 2004 Mary Anne Darmanin, Vincent Bugeja, Maurice Bugeja, Anthony Bugeja, Henry Bugeja, Mary Rose Vella, Mario Bugeja u Frank Bugeja assumew l-atti ta' din il-kawża minflok missierhom Salvatore Bugeja**

**v.**

**Maria Stella sive Stella Cini u b'digriet tad-19 ta' Frar 2009, ġiet kjamata fil-kawża Annie Bartolo u b'digriet tat-23 ta' Diċembru 2003, l-Avukat Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Annie Bartolo, u b'digriet tal-21 ta' Novembru 2005 l-inkarigu mogħti lill-kuraturi deputati Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja ġie revokat *contrario imperio* billi Marianne Darmanin assumiet l-atti tal-kawża f'isem oħtha Emmanuela Bartolo**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuta mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-20 ta' Marzu 2013, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tipprovdi billi minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tagħha, tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attriċi, tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha u tiċħad it-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-21 ta' Lulju 1998 li permezz tagħha l-attur ppremetta:
>
> "Illi huwa kien iltaqa' mal-konvenuta f'Ottubru tal-1997 f'Tas-Sliema meta dina kienet ppreżentat ruħha miegħu u mal-ewwel bdiet tindiegħes miegħu.
>
> "Illi l-konvenuta mexxiet 'il quddiem ir-relazzjoni tagħha mal-attur minkejja d-differenza fl-eta' beniethom, u bdiet twiegħdu li ser tibqa' tiegħu ħsiebu u anke li ser tiżżewġu. Dana meta fil-fatt hija mara miżżewġa u separata minn żewġha.

“Illi l-konvenuta b’qerq u bil-wegħda ta’ żwieġ, ħadet mingħand l-attur somom kbar ta’ flus kemm għall-manteniment tagħha, kif ukoll għall-membri tal-familja tagħha, kemm sabiex issewwi l-fond tagħha ta’ residenza kif ukoll sabiex tħallas djun tagħha ma’ terzi persuni kif ukoll mal-Bank, u għal ħwejjeġ oħra.

“Illi l-attur ġie ngannat mill-konvenuta, tant li ken wasal biex xtara ċ-ċrieket tat-tieġ u oġġetti oħra tad-deheb, u ħallas diversi somom ta’ flus kif fuq jingħad u dana kollu peress li huwa kien raġġirat mill-konvenuta bil-wegħda ta’ żwieġ u peress li bdiet tikkontrollalu ħajtu.

“Illi l-konvenuta ħadet kontroll ta’ ħajjet l-attur, tant li hija wasslitu li jħalli lil uliedu barra mill-wirt tiegħu u jassenja kollox lilha bħala unika eredi tiegħu.

“Illi l-konvenuta ngannat bl-attur u saħansitra waslet biex ddisponiet minn oġġetti proprjeta’ tiegħu u ta’ wliedu, u żammitu magħha bil-forza kontra l-volonta’ tiegħu, mnejn kellu jaħrab, bl-għajnuna ta’ terzi.

“Illi l-konvenuta ġiet msejħa uffiċjalment kif ukoll bonarjament biex tersaq għall-likwidazzjoni tal-flus lilha versati mill-attur, kif ukoll għar-restituzzjoni tal-flus u l-oġġetti tal-attur, li huwa kien għadda lilha peress li kien minna ngannat, u baqgħet inadempjenti.

“Tgħid il-konvenuta għalhekk għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tillikwida l-ammont ta’ flus, u oġġetti oħra li l-konvenuta ħadet b’qerq mingħand l-attur;3

“2. tikkundanna lill-konvenuta trodd lura lill-attur dak l-ammont kif ukoll dawk l-oġġetti kollha hekk likwidati;

“Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 t’April, 1998 u ta’ dik bonarja tat-8 ta’ Lulju, 1998 u tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru, ppreżentati kontestwalment, kontra l-konvenuta, minn issa nġunta in subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

“Rat n-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fid-29 t’Ottubru, 1998, li permezz tagħha eċċepiet:

“Illi preliminarjament in-nullita’ taċ-ċitazzjoni *stante* li t-talbiet attriċi kellhom ikunu preċeduti minn talba għal dikjarazzjoni ta’ responsabbilta’.

“Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-eċċipjenti qatt ma eżerċitat xi qerq jew ingann fil-konfront tal-attur.

“Illi kwalsiasi oġġett li l-eċċipjenti setgħet irċeviet mingħand l-attur ġiet mogħtija lilha liberament minnu u mingħajr ebda pressjoni. L-allegazzjoni tal-attur li l-eċċipjenti ħadet somom kbar ta’ flus mingħandu hija wkoll infondata u mingħajr ebda bażi.

“Illi matul il-perjodu li l-eċċipjenti ilha taf lill-attur hija kienet tieħu ħsieb tal-bżonnijiet tiegħu u qatt ma wegħditu li ser tiżżewġu.

“Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

“Rat il-kontro-talba tal-konvenuta fejn ġie premess:

“Illi l-konvenuta pprestat serviġi lill-attur, kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża;

“Illi l-attur ma kkumpensax lill-konvenuta għal dawn is-serviġi;

“Illi l-attur ġie debitament interpellat sabiex jersaq għall-likwidazzjoni u ħlas ta’ kumpens dovut lill-konvenuta għas-serviġi minnha reżi, iżda baqa’ inadempjenti;

“Igħid għalhekk l-attur għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

> “1. Tillikwida dik is-somma li jidhrilha xierqa bħala kumpens għas-serviġi u assistenzi reżi mill-konvenuta favur l-attur;
>
> “2. Tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenuta dik is-somma li tiġi hekk likwidata.

“Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri legali tas-17 u 21 ta’ April 1998, tat-8 ta’ Mejju 1998, tal-10 ta’ Lulju 1998 u l-ittra uffiċjali tal-4 ta’ April 1998, kontra l-attur li huwa minn issa nġunt in subizzjoni

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat datata 19 ta’ Novembru 1998 fejn eċċepixxa:

“Illi l-kontro-talba tal-konvenuta kif dedotta hija nulla peress li ma titlobx qabel xejn id-dikjarazzjoni li hija fil-fatt irrendiet is-serviġi minnha hekk pretiżi.

“Illi mhux minnu li l-konvenuta pprestat serviġi lill-attur imam b’qerq appropjat ruħha mill-fondi tal-esponenti b’wiegħda ta’ żwieġ.

“Illi ma huwa dovut l-ebda kumpens lill-konvenuta imam hija dovuta treġġa lura dak kollu minnha meħud lilu, b’qerq u wiegħda ta’ żwieġ.

“Salvi eċċezzjonijiet oħra ulterjuri u skond il-liġi.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur rikonvenzjonat u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-affidavits;

“Rat il-verbali tas-seduti;

“Semgħet il-provi;

“Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Novembru 2012 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet;

“Ikkunsidrat;

“Illi l-attur Bugeja ntavola din il-kawża fl-1998 insegwitu għal dak li huwa spjega fiċ-ċitazzjoni tiegħu fuq imsemmija. Minħabba diversi raġunijiet din il-kawża damet ħafna snin biex tiġi deċiża anke għaliex ġiet trasferita minn ġudikant għall-ieħor. Fil-verita’ pero’ ma kellhiex għalfejn iddum daqstant żmien għaliex il-fatti huma ċari ħafna.

“Illi l-attur Bugeja li kien raġel anzjan sew, prattikament *‘inħataf’* mill-konvenuta u f’perjodu ta’ erba’ xhur din irnexxielha ġġorrlu ħafna mill-proprjeta’ tiegħu. F’dan l-aspett hija kellha l-għajnuna ta’ professjonisti li kien messhom qagħdu attenti qabel ippruvaw imexxu ’l quddiem l-aġenda tagħha. Biżżejjed wieħed

jinnota li f'Diċembru 1998 l-attur kien ġie ndubbjament imġiegħel jagħmel testment a favur il-konvenuta u hemmhekk hemm ukoll mingħajr dubju *"l-għajnuna"* tal-avukat li dak iż-żmien kienet tippatroċina lill-konvenuta. Il-Qorti ma tistax ukoll ma tikkummentax negattivament fuq dan l-aġir ta' min suppost jaġixxi b'etika professjonali.

"Illi eżami anke superfiċjali tal-provi jindika li l-attur għalkemm raġel avvanzat sew fl-eta' (twieled fl-1911) kien qed jgħid il-verita' meta beda l-kawża anke jekk meta xehed ma setax jiftakar ċerti affarijiet. Mid-dokumenti bankarji esebiti, a fol 45, jirriżulta li fl-erbgħa xhur bejn Diċembru 1996 u Marzu 1997 (meta kien jgħix mal-konvenuta) kont mal-Bank of Valletta li kien fih ċirka wieħed u għoxrin elf Liri Maltin (LM21,000) ġie prattikament sbankat kollu (fol 54 sa 57). Jidher ukoll li l-attur kien ħallas xi djun tal-konvenuta u xtralha diversi oġġetti. Dwar dan pero' l-ammonti mhux daqshekk ċari *nonostante* d-diversi riċevuti esebiti.

"Illi f'ċerti każi meta l-Qorti jkollha ċertu problemi biex tikkwantifika d-danni (f'dan il-każ spejjeż li għamel l-attur fuq oġġetti tal-konvenuta) bi preċiżjoni u r-regoli normali għal tali kwantifikazzjoni ma jistgħux strettament jiġu osservati, il-Qorti stess dejjem tista' f'ċerti ċirkostanzi takkorda d-danni *arbitrio boni viri* kif osservat din il-Qorti fis-sentenza mogħitja fil-kawża **"Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Company Limited"** (1560/95 PS) meta qalet:

> *""ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant anke fis-sistema ta' liġi tagħna l-poter diskrezzjonali illi jilliwkida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. ... Indiskutibilment il-ġudikant ma jistax lanqas f'dawn il-każi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti mhiex eżonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom għall-iskop a' determinazzjoni ta' telf. Min-naħa tiegħu l-ġudikant hu tenut jagħti piż debitu lill dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwisiti fil-proċess."*

"Illi l-Qorti f'din is-sentenza, mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2004 iċċitat ukoll sentenzi riportati fil-Vol XXXV pt iii paġna 615 u Vol XXIX-i-1285. Għalhekk mal-ammont ta' wieħed u għoxrin elf Liri Maltin (LM21,000) fuq imsemmija, u li dwarhom ma hemmx dubju (ekwivalenti għal tmienja u erbgħin elf, u disa' mija u sittax-il Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu – €48,916.84), il-Qorti se żżid l-ammont ta' tmint' elef u sebgħin Ewro (€8,070) (ammont pjuttost konservattiv). Dan iwassal għas-somma globali ta' ċirka sebgħa u ħamsin elf Ewro (€57,000).

"Illi rigward l-oġġetti illi l-attur kien qed jitlob lura, jidher li fil-fatt huwa ma tteħdulux oġġetti iżda flus.

"Il-Qorti iżżid li meta hija semgħet lill-konvenuta tixhed u ma kienet konvinta xejn mit-testimonjanza tagħha, u kwindi se tiċħad l-eċċezzjonjiet kollha tagħha.

"In vista tal-premess m'hemmx dubju li l-kontro-talba tal-konvenuta ma għandha ebda fondament, la fattwali u lanqas legali. Hija kellha pjan biss li tieħu l-ġid tal-attur u allur żgur illi mhux il-każ li tingħata xi kumpens; anzi l-Qorti hija konvinta li anke wara li tħallas l-ammont fuq likwidat xorta waħda se tkun hija li kif ngħidu bil-Malti *"marret minn fuq!"*

"Illi l-attur ma talabx imgħaxijiet fiċ-ċitazzjoni tiegħu u allura ma tqumx il-kwistjoni jekk il-Qorti għandhiex tiddipartixxi f'dan il-każ mill-prinċipju *in illiquidis non fit mora*.

**"DEĊIŻJONI**

**"Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta:**

**"1) Tilqa' l-ewwel talba attriċi;**

**"2) Tilqa' wkoll it-tieni talba fis-sens li tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi (li issa daħlu fil-kawża minflok missierhom l-attur) is-somma ta' sebgħa u ħamsin elf ewro (€57,000);**

**"Tiċħad pero' l-kumplament tat-tieni talba.**

**"Illi fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuta l-Qorti tiċħad l-istess u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat.**

**“L-ispejjeż tal-kawża u l-kontro-talba kif mitluba jitħallsu kollha mill-konvenuta.”**

## Rikors tal-appell tal-konvenuta

Il-konvenuta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha.

L-aggravji tagħha huma dawn

*1 - Apprezzament tal-provi:*

**3.** Hija tilmenta li l-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti huma bbażati fuq il-premessi li għamel l-attur fiċ-ċitazzjoni tiegħu u li abbażi ta’ tali premessi ddeċidiet li temmen il-verżjoni tiegħu. Hija tgħid li l-attur għandu ħabta jagħmel allegazzjonijiet simili u taċċenna għall-kawża **Saviour Bugeja vs Francesca Debono** deċiża fl-1 ta’ Novembru 1999 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn ġie ritenut li l-allegazzjonijiet tiegħu ma ġewx sostnuti.

**4.** Il-konvenuta appellanti tispjega li tħossha aggravata għaliex l-ewwel Qorti straħet biss fuq dak li xehed l-attur liema xhieda ftit li xejn żammet il-konsistenza tagħha waqt il-kontro-eżami. Hija tilmenta li l-ewwel Qorti injorat il-provi li huma simili għall-kawża fuq indikata u injorat ix-xhieda ta’ terzi, b’mod partikolari dik ta’ Raymond Attard (ir-rappreżentant tal-HSBC), Dun

Anton Cassar (il-Kappillan ta’ Marsascala), u Dominic Gatt (ir-raġel t’oħtha) li tagħti stampa differenti minn dik allegata mill-attur. Fir-rigward tax-xhieda tal-attur fejn tgħid li jagħti l-impressjoni li kellu jsir xi intervent tal-Pulizija biex jinħareġ mid-dar tagħha, hija tirreferi għax-xhieda tal-ispettur Ċini u s-surġent Camilleri li lanqas jiftakru li sar xi intervent bħal dan. Tilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ma qisitx ix-xhieda tagħha fejn spjegat li kienet xtrat il-vettura lil bintha ferm qabel ma kienet taf lill-attur, u fejn spjegat li l-akkwist u l-bejgħ tal-proprjeta` tagħha ma kellhom x’jaqsmu xejn maż-żmien li hija għamlet tieħu ħsieb l-attur.

**5.** Dwar l-*istatements* bankarji, targumenta li ma jirriżulta minn imkien li l-iżbanki kollha kienu saru a favur tagħha. Issostni li kienet konklużjoni ażżardata tal-ewwel Qorti li hija gawdiet mill-flus żbankati mill-attur u għalhekk tħossha urtata li l-ewwel Qorti qabdet u “illikwidat” l-istess somma favur l-atturi. Hija tgħid li ma tistax tifhem b’liema immaġinazzjoni l-ewwel Qorti setgħet tikkonkludi li ħaditlu xi flus.

**6.** Tgħid li fir-rigward tat-testment ta’ Diċembru 1998[1] hawn ukoll l-ewwel Qorti għaġġlet biex ikkonkludiet li l-attur kien imġiegħel jagħmlu favuriha għaliex anzi jirriżulta b’mod ċar li dan sar fuq għażla libera tiegħu. Issemmi wkoll li għalkemm l-attur sussegwentement kien għamel testment ieħor u eskludiha mill-wirt dan huwa kuntrarjament għal dak li tat x’jifhem l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha.

[1] It-testment effettivament sar f’Diċembru 1997 mhux 1998.

*2- L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta:*

**7.** Il-konvenuta appellanti tgħid ukoll li l-ewwel Qorti injorat l-ewwel eċċezzjoni tagħha li hi ben fondata fis-sistema tagħna. Hija ssostni li ma hemm l-ebda raġuni valida jew "causa" biex l-ewwel Qorti tikkundannaha tħallas is-somma likwidata minnha. Hija tistaqsi: a bażi ta' xiex għandha tħallas sebgha u hamsin elf Euro (€57,000) lill-atturi? Targumenta li ċ-ċitazzjoni promotriċi hija monka fis-sens li l-ewwel Qorti qatt ma setgħet tikkundannaha tħallas xi somom, likwidati jew m'humhiex, jekk ma hemm l-ebda raġuni għal dan il-ħlas, stante li ċ-ċitazzjoni ma' talbet l-ebda kundanna għar-rigward l-aġir li setgħet għamlet.

<u>Risposta tal-atturi</u>

**8.** L-atturi jsostnu li x-xhieda mressqa mill-attur hija veritjiera u bbażata fuq provi inkonfutabbli. Jgħidu li għalkemm l-attur tilef il-kawża kontra Francesca Debono għaliex instab li ma rnexxilux jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu, f'din il-kawża tressqu diversi u varji provi li juru u jikxfu l-pjan qarrieqi tal-konvenuta odjerna u cioe` li tieħu ġid Salvatore Bugeja u tagħmlu tagħha.

**9.** Jaċċennaw għall-fatt li qabel ma miet kellu l-opportunita` jixhed huwa stess u ġab il-provi biex jikkonvinċi lill-ewwel Qorti li l-konvenuta "*foemina*

*mercatrix*", kellha biżżejjed malizija biex twettaq il-pjan faħxi tagħha biex tidħaq bl-attur u bil-qerq u tħeddid u l-maltrattament tisirqu b'ammont sostanzjali ta' flus, kif likwidat mill-Qorti.

**10.** Huma jispjegaw kif missierhom l-attur, kien għadda minn żmien ta' infatwazzjoni bil-konvenuta li rnexxielha tikkonvinċih li ser jiżżewġu. Jgħidu li kien għalhekk li huwa inkariga lil ibnu biex mill-flus li kellu l-Awstralja jittrasferixxi sebgħin elf Dollaru Awstraljan (AUD70,000) ekwivalenti għal tletin elf Lira Maltija (Lm30,000). Jaċċennaw għall-fatt li dawn il-flus għebu u bħala xhieda ta' dan hemm id-dokumentazzjoni bankarja u l-uffiċjali tal-bank li xehdu. Jaċċennaw għax-xhieda tal-*manager* tal-bank, is-sur Attard u senjatament fejn jgħid li l-attur kien imur regolarment mal-konvenuta appellanti u jħallsilha d-dejn billi kien jagħmel pagamenti ta' eluf. Jgħidu li dan il-konvenuta ma tiċħdux għalkemm tgħid li kienu ftit mijiet.

**11.** Dwar Dominic Gatt, l-atturi jgħidu li dan ix-xhud għoġbu jiċħad li l-konvenuta kienet wegħdet iż-żwieġ lill-attur. Jgħidu li x-xhieda kollha ppreżentati mill-attur nisġu xibka ta' provi li wasslu lill-ewwel Qorti biex temmen lill-attur u tikkundanna lill-konvenuta tħallas dak likwidat favuru.

**12.** Fir-rigward tat-tieni aggravju (u cioe` li l-attur ma għamilx talba speċifika biex il-Qorti ssib lill-konvenuta responsabbli) l-atturi appellati jsostnu li l-premessi huma ċari biżżejjed u t-talbiet tal-attur ukoll u jargumentaw li l-Qorti,

darba li taċċetta dak premess kellha tillikwida d-danni sofferti mill-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tad-danni. Isostnu li l-kundanna għall-ħlas tinkorpora fiha s-sejbien tar-responsabilita` tagħha għall-ikkawżar tad-danni kkawżati kif premess mill-attur.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-ewwel aggravju: l-apprezzament tal-provi*

**13.** Din il-Qorti eżaminat b'reqqa kbira l-provi kollha prodotti f'din il-kawża u biex il-konvenuta ma tgħidx li għamlet eżami superfiċjali biss tal-provi (kif qed tilmenta li għamlet l-ewwel Qorti) qegħda taċċenna fid-dettall għall-partijiet li fil-fehma tagħha huma ta' rilevanza sostanzjali.

*Xhieda tal-attur:*

**14.** L-attur Saviour Bugeja (ID. 430911M) ippremetta li huwa ltaqa' mal-konvenuta f'tas-Sliema f'Ottubru 1997 meta hija ppreżentat ruħha miegħu u bdiet tindieħes miegħu. Fl-affidavit tiegħu qal li kien iltaqa' magħha f'Ottubru 1996[2] waqt li kien qed jippassiġġa waħdu Għar id-Dud. Qal li kienet avviċinatu u baqgħu jitkellmu sa kemm waslu ħdejn il-karozza tagħha fejn imbagħad wasslitu sad-dar tiegħu l-Fgura. Spjega li dakinhar qabel ma telqet mid-dar

[2] Jidher li dan kien żball u s-sena kellha tinqara "1997" mhux "1996"

tiegħu kienet ħadet in-numru tat-*telephone* tiegħu u wara xi xahar ċemplitlu u qaltlu li xtaqet tkellmu. Qal li meta marret għandu fost affarijiet oħra qaltlu li kienet armla, għamlet mossi amorevoli fil-konfront tiegħu u bdiet tħajru biex imur joqgħod għandha. Żied jgħid li xi sitt ġimgħat wara reġgħet ċemplitlu u qaltlu li kienet semgħet li kien ser imur joqgħod ma' ċertu "Polly", il-*helper* li kellu mid-Dipartiment tal-Anzjani, u li kien se jiktibha fit-testment u li kienet se tqumlu tletin elf Lira Maltija (Lm30,000). Spjega li wara li huwa kkonfermalha li dan kien minnu qaltlu li ma kinitx ser tħallih jagħmel dan u dakinhar stess marret għandu, ippakkjatlu l-bagalja u ħaditu fid-dar tagħha Wied il-Għajn.

**15.** Qal li kienet taf kemm kellu flus il-bank, kemm idaħħal penzjonijiet u li kellu l-inkwiet mal-familja tiegħu. Sostna li kienet tagħmillu ħafna mossi ta' mħabba, bews u xeni kompromettenti u aċċertatu li kienet se tiżżewġu. Qal li l-għada li daħal joqgħod magħha beda jħoss li daħal f'"nassa": ħaditu l-banek fejn kellu l-kontijiet biex jagħmel "ċekk oħxon" li ħatfet minn idejh, u ġagħlitu jittrasferixxi tmint elef Lira Maltija (Lm8,000) minn barra. Spjega li biċ-ċekkijiet tiegħu f'idejha hija għamlet diversi xogħlijiet fid-dar li kienet għadha fil-proċess tal-bini, u anke spejjeż fuq vetturi. In oltre jgħid li fuq instigazzjoni tagħha ħareġ diversi flus fuq affarijiet bħal TV, *fridge*, *cooker*, *coffee table*, *blinds*, ħwejjeġ, żraben, u xi affarijiet tad-deheb eccetera. Semma wkoll li mill-fondi tiegħu l-konvenuta kienet xtrat karozza Skoda lil bintha.

**16.** Huwa sostna li sa mill-bidu tar-relazzjoni ħadet kontroll ta' ħwejġu u l-

finanzi tiegħu u battlet id-dar tiegħu flimkien ma' seħbitha Francesca Debono. Qal li kull meta pprova jżomm il-ktieb taċ-ċekkijiet għandu kienet theddu u anke tuża l-forza.

**17.** Żied jgħid li wara xi xahrejn li kien ilu għandha ħaditu għand l-Avukat Dr. Ruth Borg fl-uffiċċju ta' Dr. Frank Cassar fejn kien hemm ukoll in-Nutar Nathalie Pace Axiak. Qal li Dr. Borg bdiet tiddetta t-testment[3] u kull meta beda ma jaqbilx ma' xi ħaġa bdiet issikktu u tkompli bid-dettar. Għalkemm iffirmah, aċċenna għall-fatt li meta "ħarab" minn taħt idejha ħassru u għamel wieħed ġdid.

**18.** Huwa ddeskriva ż-żmien li fih kien jabita għand il-konvenuta bħala żmien fejn kien spiċċa "priġunier", fejn ma setax jagħmel dak li ried għaliex kienet tikkontrollah. Kontro-eżaminat fil-fatt qal li fiż-żmien li kien joqgħod magħha (jgħid li kien madwar sitt xhur) kienet issawtu u ma tħallihx joħroġ mid-dar u darba anke qabdet sikkina għalih.

**19.** Spjega li kien sab mezz kif jikkomunika ma' oħtu Christine Fava Naudi permezz ta' ittra[4] li kien bagħtilha mal-kappillan ta' Wied il-Għajn fejn spjegalha l-istat li kien jinsab fih. Spjega li sadanittant bintu Marianne Darmanin kienet kellmet lis-*social workers* Victor Scerri u Pauline Bowman biex jinvestigaw il-każ iżda qal li għalkemm kienu marru jżuruh il-konvenuta

[3] Testment datat 18 ta' Diċembru a fol 6-7

[4] Fol 147-149

kienet tikkontrollah bid-daqqiet ta’ sieq minn taħt il-mejda u għalhekk ma setax jgħidilhom eżatt fhiex kien jinsab.

**20.** Qal li finalment irnexxilu jikkomunika ma’ bintu billi ċemplilha bil-lejl u talabha ġġib il-pulizija. Ftakar li meta kienu marru għalih kien liebes il-*bed gown* u kien telaq magħhom u mar jirrisjedi għand bintu Marianne Darmanin u wara kien mar is-*Seabreeze* f’Birżebbugia. Żied jgħid li hemmhekk kienet marret tarah il-konvenuta u wara ħafna żegħil tatu banju u ġabret mingħandu mitejn Lira Maltija (Lm200).

**21.** Spjega li sussegwentement kien bagħat ittra bl-avukat lill-konvenuta biex tikkonsenjalu d-dokumenti u l-oġġetti kollha tiegħu li kellha f’idejha u hija kienet marret mal-avukat tagħha Dr. Frank Cassar u kkonsenjawlu xi dokumenti u kotba taċ-ċekkijiet antiki. Qal li kien ġie mitlub jiffirma xi dokument imma minkejja li ma riedx kien iffirma minħabba t-theddid tal-konvenuta.

*Xhieda tal-konvenuta*:

**22.** Il-konvenuta <u>Stella Cini</u> (ID. 427641M) qalet li kien f’Ottubru jew Novembru 1997 meta ltaqgħet mal-konvenut. Qalet li kien hu li avviċinaha biex jistaqsiha x’ħin titlaq il-karozza tal-linja u meta qaltlu li ma tafx għaliex kellha l-karozza tagħha, kien talabha twasslu. Skont hi, kien talabha n-numru tat-*telephone* u kien iċemplilha biex tmur tgħinu, taħsillu l-ħwejjeġ, taħsillu t-

taraġ, issajjarlu u tagħmillu dak li kellu bżonn. Hija xehdet li dejjem kienet issibu jibki ħafna u jħossu waħdu għax bintu ma tkellmux u kien talabha xi sitt darbiet biex imur jgħix għandha.

**23.** Spjegat li ħaditu għandha u għamel xi erba' xhur u nofs hemmhekk u kienet tieħdu l-isptar darbtejn fix-xahar, toħorġu u tgħinu fil-bżonnijiet tiegħu. Għalkemm ma kinitx titħallas ta' dan, qalet li ġieli xtralha xi xirja, *cooker*, *fridge* u affarijiet żgħar pero` dan dejjem minn jeddu u mingħajr pressjoni. Il-konvenuta ċaħdet li hija qatt għamlet lill-attur xi wegħda ta' żwieġ. Ċaħdet ukoll li kien hemm xi tgħannieq u bews anzi qalet li l-ideja biss tiddisgustaha għax kienet tittrattah bħal missierha.

**24.** Dwar it-testment fejn kien għamilha werrieta tiegħu, il-konvenuta speċifikat li ma kienx il-każ fejn ħaditu hi l-uffiċċju ta' Dr. Frank Cassar fejn kienet isservi Dr. Ruth Borg iżda kien l-attur stess li ċemplilhom u kienu ġew id-dar tagħha Dr. Borg u n-nutar biex jagħmlu t-testment. Qalet li waqt li t-testment kien qed isir hija qagħdet tnaddaf u lilhom ħalliethom waħedhom. Qalet ukoll li meta kien uriha t-testment kienet argumentat miegħu għaliex niżżel li hija armla meta fil-fatt żewġha kien għadu ħaj iżda kien weġibha li hekk ried jagħmel. Fi kwalunkwe każ aċċennat għall-fatt li fit-30 ta' April 1998 kien għamel ieħor fejn eskludiha kompletament.[5]

---

[5] Testment datat 30 ta' April 1998, fol 469e-469g

**25.** Fir-rigward tal-*welfare officers*, hija qalet li dawn kienu ġew għandha madwar xahrejn wara li kien ġie joqgħod għandha u setgħu jaraw kemm kien jgħix sewwa għandha.

**26.** Ikkonfermat li bint l-attur u żewġha darba minnhom kienu ġew għalih biex joħduh magħhom. Qalet li ħaduh bil-ħwejjeġ ta' fuqu u l-għada kien ċemplilha, qalilha li kien is-*Seabreeze Hotel*, Birżebbuġia u kien talabha tmur tarah. Qalet li kien qed jibki u li qalilha li bintu ma riditux joqgħod għandha (il-konvenuta) u li kienet poġġietu fil-*hotel* sakemm issiblu *home*. Hija sostniet li fit-2 ta' April 1998 kienet ħaditlu l-affarijiet li kellu fil-kamra tiegħu u huwa kien iffirma[6] li ħadhom quddiem l-Avukat Dr. Frank Cassar.

*Xhieda tal-uffiċjali mid-Dipartiment tal-Anzjani:*

**27.** Kemm Pauline Bowman (*welfare officer*) u kif ukoll Victor Scerri (*senior social worker*) kienu marru fid-dar tal-konvenuta sabiex jinvestigaw is-sitwazzjoni wara li kienet wasslitilhom informazzjoni li l-attur kien qed jinżamm "priġunier". It-tnejn li huma xehdu li l-attur kien qalilhom li ma kellux problemi u li kien jinsab tajjeb, pero` żiedu jgħidu li waqt il-vista tagħhom il-konvenuta dejjem kienet preżenti u fl-ebda okkażjoni ma talbu lill-konvenuta sabiex toħroġ mill-kamra sabiex ikellmu lill-attur waħdu.

[6] Fol 469j

*Xhieda ta' Marianne Darmanin (bint l-attur) u żewġha Duminku Darmanin:*

**28.** Duminku Darmanin xehed li hu u martu kienu saru jafu mingħand Christine Fava Naudi (oħt l-attur) li l-attur kien bagħtilha ittra mal-kappillan biex jinfurmaha li ma kienx kuntent mal-konvenuta u li kien imsawwat. Huwa rrakonta kif darba minnhom l-attur kien ċempel għandhom u kellem lilu fejn qallu li kien qed iċempillu qabel ma tqum il-konvenuta u talbu biex imur għalih u ma jħallihx aktar għandha. Sussegwentement hu u martu Marianne kienu marru l-għassa tal-pulizija u flimkien ma' surġent u kuntistabbli kienu marru biex jiġbru lill-attur. Marianne Darmanin spjegat li wara din il-"ħelsa" missierha kien qalilha kif kien miżmum għand il-konvenuta bħala priġunier, tikkmandah f'kollox u ġġegħlu jħallas fejn tgħidlu hija. Xehdet li missierha kien qalilha li kienet ħaditlu ħafna flus bil-wegħda li se tiżżewġu iżda spiċċa miżmum taħt kundizzjonijiet ta' tbatija fejn kellu jobdiha.

*Xhieda ta' Ray Attard (branch manager HSBC)*

**29.** Ray Attard li għamel żmien jaħdem bħala *branch manager* tal-Fgura esebixxa diversi *statements* ta' kontijiet li kellu l-attur. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti huwa spjega li fost l-operazzjonijiet bankarji li għamel l-attur jiftakar okkażjonijiet fejn kien isir *transfer* mill-kont tiegħu għall-kont tal-konvenuta peress li kienet ħadet xi *loan* mill-bank u qal li l-ammonti f'dan ir-rigward kienu madwar elf Lira Maltija (Lm1,000). Qal li jista' jkun ukoll li saru

permezz ta’ ċekkijiet ta’ bank ieħor. Żied jgħid li l-attur qatt ma qallu li kien se jiżżewweġ u ma taħx l-impressjoni li kien qed jiġi sfurzat.

*Xhieda ta’ Joseph Borg Cardona (rappreżentant tal-BOV)*

**30.** Joseph Borg Cardona ġie mistoqsi dwar kont partikolari li kellu l-attur mal-BOV minn fejn jirriżulta li fl-24 ta’ Ottubru 1997 kien hemm depożitu ta’ dsatax-il elf, erba’ mija u sittin Lira Maltija u hames centezmi (Lm19,460.05) u li proprju l-għada kien hemm żbank ta’ erbatax-il elf, u sebghin Lira Maltija (Lm14,070)[7]. Ix-xhud ma kienx f’pożizzjoni li jagħti informazzjoni fuq din l-operazzjoni, fil-fatt qal li l-flus setgħu inħarġu *cash* jew *cheque*.

*Xhieda tal-pulizija*

**31.** Ittellgħu diversi persuni li kienu fil-korp tal-pulizija fiż-żmien meta l-attur “inħareġ” mid-dar tal-konvenuta: PC132 Keith Sultana, Spettur Anthony Cassar, l-ex surġent Joseph Camilleri, l-ex-surġent Hubert Cini, iżda dawn jew ma kienu jafu xejn jew ma ftakru xejn.

*Xhieda Dun Anton Cassar (il-kappillan)*

**32.** Dun Anton Cassar, li kien imur iqarben lill-attur fid-dar tal-konvenuta,

[7] Fol 54

ikkonferma li kien hu li għadda l-ittra li kiteb l-attur[8] lil oħtu Christine Fava Naudi.

*Xhieda ta' Dominic Gatt (miżżewweġ lil oħt il-konvenuta)*

**33.** Dominic Gatt xehed li darba kien hemm okkażjoni fejn l-attur u l-konvenuta ġew għandu għat-te u qal li ma kien jaf bl-ebda preparamenti għaż-żwieġ.

*Xhieda ta' Monica Buttigieg (bint il-konvenuta)*

**34.** Monica Buttigieg xehdet li kull meta kienet tmur għand ommha (darba jew darbtejn fil-ġimgħa) fiż-żmien li kien hemm l-attur jgħix għandha kienet tarah nadif, jiekol tajjeb u jidher ferħan. Sostniet li quddiemha qatt ma ssemma' żwieġ. Dwar l-iSkoda qalet li din kienet xtrathielha ommha fl-1995 u ppreżentat dokument li jikkonferma dan[9].

*Kronoloġija tal-fatti:*

**35.** Il-kronoloġija tal-fatti tgħin biex wieħed ikollu stampa aktar ċara taċ-

[8] Fol 148-149

[9] Fol 470b-470d

ċirkostanzi tal-każ:

- Ottubru/Novembru 1997 l-attur u l-konvenuta ltaqgħu tas-Sliema

- Ottubru/Novembru 1997: l-attur mar joqgħod mal-konvenuta[10]

- 17.10.1997: kien hemm żbank ta' Lm1,696 mill-kont HSBC tal-attur[11]

- 23.10.1997: kien hemm depożitu ta' Lm1,767 fil-kont BOV tal-attur[12]

- 24.10.1997: kien hemm depożitu ta' Lm19,460 fl-istess kont BOV[13]

- 25.10.1997: kien hemm żbank ta' Lm14,070 mill-istess kont BOV

- 18.12.1997: sar it-testment fejn ġiet favorita l-konvenuta

- 17.01.1998: sa din id-data l-kont tal-BOV kien kompletament żbankat

- 23.01.1998: l-attur bagħat ittra ta' "ajjut" lil oħtu mal-kappillan

- 01.04.1998: bint l-attriċi u żewġha flimkien mal-pulizija ħadu lill-attur

[10] Skont l-attur huwa dam xi sitt xhur għandha. Skont il-konvenuta l-attur dam magħha erba' xhur u nofs (kontro-eżaminata qalet li massimu ta' ħames xhur). Ladarba telaq mingħandha fl-1 ta' April 1998 isegwi li kien mar joqgħod għandha għall-ħabta ta' Ottubru/Novembru 1997.
[11] In-numru tal-kont kien 875004190 (fol 189).
[12] In-numru tal-kont kien 173-1462202-8. Il-flus li ġew trasferiti fil-kont kienu ECU4,098.60
[13] Il-flus li ġew trasferiti fil-kont 173-1462202-8 kienu $AUD70,612.73

mid-dar tal-konvenuta

**36.** Mill-premess jirriżulta li din il-kawża tirrigwarda l-istorja ta' anzjan li kien irritorna lura lejn Malta mill-Awstralja u safa armel. Kellu disat itfal: tmienja jgħixu l-Awstralja u waħda minnhom (Marianne Darmanin) tgħix Malta. Jirriżulta li hu u bintu Marianna kienu miksurin u għalhekk kien jinsab waħdu, imdejjaq u vulnerabbli. Tidħol fix-xena l-konvenuta Stella Cini, mara tletin sena iżgħar minnu, li skont l-attur għamlitlu mossi ta' mħabba, bews, xeni komprometTenti u wegħditu li tiżżewġu u li taqsam ġidha miegħu u li tieħu ħsiebu. Għalkemm ma ttella' l-ebda xhud li seta' jikkorobora din il-verżjoni, u cioe` li kienu ser jiżżewġu, bint l-attur xehdet li meta ħarġuh mingħandha kien qalilha li l-konvenuta kienet wegħditu li tiżżewġu.

**37.** Minkejja l-fatt li ma jeżistux provi skjaċċanti li l-iżbanek li għamel l-attur fiż-żmien li kien jgħix mal-konvenuta kienu fil-fatt saru biex jgħaddihom lilha, jew biex jonfoqhom affarijiet lilha, il-provi ċirkostanzjali f'din id-direzzjoni huma qawwijin ħafna u jikkorroboraw l-istampa li jagħti l-attur tal-konvenuta bħala li ħadet taħt il-kontroll tagħha l-finanzi tiegħu.

**38.** Ftit li xejn għadda żmien bejn meta l-attur u l-attriċi ltaqgħu u meta mar jgħix magħha. Wieħed jistaqsi, x'interess kellha li tieħu taħt idejha lil dan ir-raġel anzjan u tieħdu jgħix magħha, titimgħu, taħsillu l-ħwejjeġ, tieħdu l-isptar kull meta jkollu bżonn u ddur bih? Din il-Qorti hija tal-fehma li d-depożiti ta' elf,

seba’ mija sebgha u sittin Liri Maltin (Lm1,767) u ta’ dsatax-il elf, erba’ mija u sittin Liri Maltin (Lm19,460) li saru fl-24 u l-25 ta’ Ottubru 1997 rispettivament (u cioe` fiż-żmien li mar jgħix jew kien se jmur jgħix għandha) u s-segwenti żbank ta’ erbatax-il elf, u sebghin Liri Maltin (Lm14,070) proprju l-għada ta’ dawn iż-żewġ depożiti, flimkien mat-testment li sar ftit ġimgħat wara fejn hija ġiet favurita, m’humhiex sempliċi koinċidenzi. Li persuna tiġi kumpensata għal serviġi hija ħaġa normali għall-aħħar, u ma fiha xejn ħażin li tnejn min-nies liberament jifthemu li wieħed jagħti servizz u l-ieħor jikkompensa lill-ieħor għal dak is-servizz, anke jekk il-kumpens ikun ġeneruż ħafna. Pero` l-ittra ta’ “ajjut” li l-attur bagħat lil oħtu mal-kappillan xahar biss wara li sar it-testment xejn ma tirrifletti tajjeb fuq il-konvenuta u l-iskop li kellha f’moħħa.  F’din l-ittra huwa kkomunika ma’ oħtu biex jinfurmaha dwar kemm kien jinsab “iddisprat” biċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom.  Jispjegalha li sab ruħu “milgħub”, li kienet toħroġlu l-kapital, li kien jinsab “priġunier” u kien anzjuż li bintu Marianne (minkejja li kienet miksura minn miegħu) issir taf b’dan kollu u tintervjeni.

**39.** Din il-Qorti bħall-ewwel Qorti hija moralment konvinta li l-konvenuta ħadet vantaġġ mis-sitwazzjoni vulnerabbli tal-attur (li meta ltaqgħet miegħu kellu xi sitta u tmenin sena), u ingannatu bi kliem sabiħ u fieragħ sabiex tapprofitta ruħha minnu, tisfruttaħ u tieħu minn għandu dak li tista`. Għall-ewwel kien ferħan li sab lil din il-mara iżgħar minnu lesta li tieħu ħsiebu, u għalhekk ħerqan li jpattihulha (speċjalment jekk kif qal hu hija verament semmiet il-kelma “żwieġ” u għamlitlu mossi komprommettenti meta kienu

waħedhom) iżda ma damx ma nduna li kien inqabad f'"nassa" u sfortunatament f'dak l-istadju kien jinsab ferm dipendenti fuqha u fil-kontroll tagħha u għalhekk ma kienx faċli għalih li jiqfilha. Din il-Qorti m'għandhiex dubju li kien hemm qerq u pressjoni da parti tal-konvenuta u li kien b'konsegwenza ta' dan il-qerq u pressjoni li huwa għaddielha ħafna flejjes.

**40.** Il-konvenuta appellanti fir-rikors tal-appell tagħha tagħmel riferenza għall-kawża li l-attur kellu kontra Francesca Debono[14] u sostniet li l-attur kellu ħabta jagħmel "allegazzjonijiet simili". Pero` għax l-attur tilef il-kawża li kellu kontra Francesca Debono ma jfissirx li awtomatikament għandu jitlef din il-kawża wkoll. Huwa tilef il-kawża kontra Debono għaliex ma rnexxilux jipprova l-allegazzjoni tiegħu li Debono kienet ħaditlu numru ta' oġġetti mir-residenza tiegħu (li kienu taħt il-valur ta' hames mitt Lira Maltija [Lm500]). Fil-każ odjern kontra Stella Cini tressqu diversi provi li jikkonfermaw l-allegazzjoni tal-attur li l-istess Cini kienet qarrqet bih u li permezz ta' dan il-qerq ħadet mingħandu somom kbar ta' flus.

**41.** Issa kif osservat l-ewwel Qorti, f'każ bħal dan mhux faċli li wieħed jikkwantifika d-danni li sofra l-attur konsistenti f'telf ta' flus bħala riżultat ta' dan l-ingann. Ta' ċerta rilevanża huwa l-iżbank ta' elf, sitt mija sitta u disghin Lira Maltija (<u>Lm1,696</u>) mill-kont tiegħu tal-HSBC nhar is-17 ta' Ottubru 1997, it-trasferiment ta' ECU4,098 (ekwivalenti għal elf, seba' mija, sebgha u sittin Lira

[14] **Saviour Bugeja v. Francesca Debono**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-01.11.1998, fol 469m sa 469p

Maltija u hmistax-il centezmi [Lm1,767.15]) għal ġol-kont tiegħu tal-BOV nhar it-23 ta' Ottubru 1997 u t-trasferiment ta' sebghin elf, sitt mija u tnax-il Dollaru Awstraljan u tlieta u sebghin centezmi (AUD70,612.73) (ekwivalenti għal dsatax-il elf, erba' mija u sittin Liri Maltin u hames centezmi [Lm19,460.05]) għal ġol-istess kont tal-BOV tiegħu nhar l-24 ta' Ottubru 1997 u l-iżbank ta' erbatax-il elf u ghaxar Liri Maltin (Lm14,010) li sar l-għada, 25 ta' Ottubru 1997. Wara din id-data tant inħarġu ċekkijiet li r-rimanenti bilanċ ta' tmint elef, sitt mija, tnejn u disghin Liri Maltin (Lm8,692) li kellu fil-kont tal-BOV ġie fix-xejn f'inqas minn tliet xhur. Dawn l-iżbanek seħħew proprju fiż-żmien li l-attur kien qed jgħix għand il-konvenuta u huma ekwivalenti għal sebgha u hamsin elf Euro (€57,000). Jiġi osservat ukoll li mill-*istatements* tal-banek kollha li ġew esebiti u li jkopru żminijiet qabel u wara dan il-perjodu li fih l-attur kien involut mal-konvenuta, qatt ma kien hemm "*pattern*" ta' żbanek simili.

**42.** Għalkemm ma ġiex pruvat fejn marru l-biċċa l-kbira tal-iżbanek inkwistjoni, ġew esebiti xi irċevuti u ċekkijiet[15] u wieħed jista' jidentifika l-valur ta' xi wħud minnhom fuq l-*istatement* tal-kont tal-BOV. Hekk per eżempju hemm irċevuta għal tmien mija u erbghin Lira Maltija (Lm840) datata 03.11.1997 maħruġa mill-Forestals għall-bejgħ ta' *fridge* u *cooker*. Hemm irċevuta għal tliet mija u sitt Liri Maltin (Lm306) maħruġa minn Carabott Jewellers fis-07.06.1998. Ovvjament sa din id-data l-attur ma kienx għadu joqgħod mal-konvenuta imma għalkemm jidher li din l-irċevuta saret wara, jirriżulta li effettivament ġie żbankat l-ammont ta' tliet mija u sitt Liri Maltin

[15] Fol 112-128

(Lm306) mill-kont tal-attur fil-05.12.1997. Hekk ukoll għalkemm hemm irċevuta maħruġa mill-Class Co Ltd (Class Optical Group) fl-ammont ta' mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm174.53) datata 12.05.1998 ġie spjegat fuqha stess li l-pagament għall-*optical jobs* elenkati kien sar permezz ta' ċekk datat 18.11.1997. Dan l-ammont ta' mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm174.53) fil-fatt jidher li ġie żbankat mill-kont tal-attur fis-26.11.1997 (għalkemm din l-irċevuta ma tispeċifikax għal min kienu l-*optical jobs*.).

**43.** Din il-Qorti jidhrilha li dan l-ewwel aggravju tal-konvenuta dwar l-apprezzament tal-provi huwa fondat <u>limitatament</u> u dan għaliex għalkemm mill-provi prodotti jirriżulta, għallinqas fuq bilanċ ta' probabilitajiet, li l-attriċi effettivament kienet ottjeniet b'ingann somom ta' flus mingħand l-attur, madanakollu, in vista tal-fatt li (tajjeb jew ħażin) il-konvenuta kienet effettivament irrendiet xi servizzi lill-attur għal numru ta' xhur li l-Qorti hija tal-fehma li l-ammont li għandu jitħallas għandu jkun inqas minn sebgha u hamsin elf Euro (€57,000). Il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont tad-danni li għandu, *arbitrio boni viri*, jiġi likwidat favur l-attur fid-dawl tar-riżultanzi tal-proċess għandu jkun dak ta' hamsin elf Euro (<u>**€50,000**</u>).

**44.** Il-konvenuta appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti injorat l-ewwel eċċezzjoni tagħha tan-nullita` taċ-ċitazzjoni stante li t-talbiet attriċi kellhom ikunu preċeduti minn talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilita`.

**45.** Effettivament l-ewwel Qorti (għalkemm ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta) naqset li tittratta u tikkunsidra speċifikatament din l-eċċezzjoni tal-konvenuta dwar in-nullita` taċ-ċitazzjoni nonostante li l-Artikolu 730 tal-Kap. 12 jipprovdi li l-eċċezzjoni, *inter alia*, ta' nullita` ta' atti "għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu.".

**46.** Il-konvenuta tgħid li l-ewwel Qorti naqset "bil-kbir" meta injorat l-ewwel eċċezzjoni tagħha bil-konsegwenza li kkundannatha tħallas somma mingħajr ebda konsiderazzjoni jew *causa*, u ssostni li għal din ir-raġuni wkoll is-sentenza tal-ewwel Qorti għandha tiġi revokata.

**47.** Għalkemm huwa veru li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx din l-eċċezzjoni tal-konvenuta, assolutament mhux minnu li l-kundanna għall-ħlas saret mingħajr ebda kunsiderazzjoni jew *causa*. L-ewwel Qorti xorta waħda għamlet eżerċizzju li wassalha għall-konklużjoni li l-konvenuta kienet responsabbli għad-danni (fi kliem l-ewwel Qorti danni konsistenti fi spejjeż li għamel l-attur fuq oġġetti tal-konvenuta) u kien proprju abbażi ta' din ir-responsabbilita` li għaddiet biex tillikwida d-danni.

**48.** Inkwantu għall-eċċezzjoni fiha nfisha tal-konvenuta tan-nullita` taċ-ċitazzjoni, il-Qorti ssib li minkejja li fiċ-ċitazzjoni tal-attur ma saritx talba partikolari biex jiġi dikjarat li l-konvenuta hija responsabbli għaliex qarrqet bih

u ħaditlu l-flus b'qerq[16], dan il-fatt ma jirrendix iċ-ċitazzjoni nulla, u f'dan ir-rigward tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maltacom plc v. Angelo Schembri**[17], fejn ġie ritenut li:

> *"…in kwantu t-talba dikjaratorja preordinata għall-kundanna mhix rekwiżit "sine qua non" li mingħajrha l-avviż hu monk. Hi paċifiku fil-ġurisprudenza Maltija illi d-domanda tista' tiġi inferita u jew sostenuta "per equipollens". (**Vol XXXVI pI p105**). U billi d-domanda għall-kundanna għall-ħlas tas-somma tad-danni għandha impliċita fiha r-responsabilita` li tat lok għal dawk id-danni, ma hijiex irritwali d-domanda li biha tintalab il-kundanna mingħajr ma jkun hemm ukoll fl-Avviż it-talba għad-dikjarazzjoni tar-responsabilita`. Jinsab in fatti stabbilit illi "d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtiega biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domandi." (**Vol XXXIII pI p666**)".*

**49.** Għalhekk is-sentenza appellata, minkejja li ma ġietx trattata l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, hija sostanzjalment ġusta[18].

**50.** Dan it-tieni aggravju għalhekk huwa infondat.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenuta <u>limitatament</u> u dan għaliex għalkemm qegħda tikkonferma s-sentenza appellata, qed tirriduċi l-

[16] L-ewwel talba tal-attur taqra hekk:

*"Tillikwida l-ammont ta' flus u oġġetti oħra li l-konvenuta ħadet b'qerq mingħand l-attur."*

[17] Qorti tal-Appelli Ċivili (Inferjuri) 16 ta' Diċembru 2002 (Imħallef P. Sciberras)
[18] Ara art. 790 tal-Kap. 12

ammont likwidat minn sebgha u hamsin elf Euro (€57,000) għal hamsin elf Euro (**€50,000**).

L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu mill-konvenuta appellanti.

L-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu $^{4}/_{5}$ mill-konvenuta appellanti u $^{1}/_{5}$ mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------